MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 2316/2000/1

**Joseph Oliver Ruggier f'ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` S.O.C. & K. Limited**

**vs**

**Joseph Emanuel Ruggier, u Carmen mart l-istess Joseph Emanuel Ruggier**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu 2002, li permezz taghha irrendiet ezegwibbli sentenza precedenti tal-14 ta' Novembru 1994, fl-ismijiet "Joseph Oliver Ruggier pro et

noe v. Joseph Emanuel Ruggier et" moghtija mill-istess Prim Awla (diversament presjeduta) kif ukoll mid-digriet interlokutorju tat-28 ta' Novembru, 2001. Kopja tad-decizjoni li qed tigi appellata qed tigi annessa ma' din is-sentenza bhala Dok "A" biex tifforma parti integrali minnha, u dan peress li minn dik id-decizjoni tal-21 ta' Marzu 2002, jirrizultaw il-premessi tar-rikors li wassal ghaliha, ir-risposta ta' l-intimati (l-appellanti odjerni) u tar-ragunijiet li wasslu lill-Qorti ta' prim istanza li tilqa' t-talba tar-rikorrenti (l-appellati odjerni).

Il-qofol kollu ta' dan l-appell huwa c-cahda ta' l-ewwel Qorti, fl-udjenza tat-28 ta' Novembru 2001, tat-talba ta' l-appellanti li jtellghu bhala xhud lill-appellat (allura rikorrent). Dan jidher car mir-rikors ta' appell, li hu ibbazat esklussivament fuq dan il-punt procedurali.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kemm il-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' Novembru 2001, kif ukoll il-verbal registrat fl-udjenza tal-lum, mnejn jirrizulta l-oggett tal-prova li l-appellant ried jaghmel bid-deposizzjoni ta' Joseph Oliver Ruggier. Il-Qorti tosserva li mill-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' Novembru 2001 proprjament ma jirrizultax l-oggett tal-prova; kulma jinghad f'dak il-verbal hu li l-appellant ried "li jressaq b'xhud lir-rikorrent u dan minhabba xi fatti li hargu mix-xhieda ta' l-intimat fis-seduta tal-lum". Fl-udjenza tal-lum, pero`, l-appellant fisser li huwa ried itella' bhala xhud lil Joseph Oliver Ruggier biex jikkorrobora id-deposizzjoni tieghu (cioe` ta' l-istess appellant). Din il-Qorti qrat id-deposizzjoni ta' Joseph Emanuel Ruggier moghtija fit-28 ta' Novembru, 2001 u ma tarax kif l-appellat seta' jikkorrobora lill-appellant fix-xhieda tieghu msemmija in kwantu relatata ma' l-eccezzjoni ta' l-appellanti quddiem l-ewwel Qorti kif tirrizulta mir-risposta tat-28 ta' Frar 2001 a fol. 10 tal-process. Kienet ghalhekk altru milli gustifikata l-ewwel Qorti li tichad it-talba ta' l-appellanti (allura intimati) sabiex jipproducu lill-appellat (allura rikorrent) kif effettivament ghamlet fid-digriet tat-28 ta' Novembru, 2001. Ghalhekk ma hemm ebda lok ghar-revoka ta' dan id-digriet.

Stabbilit dan, anqas hemm lok li tigi revokata d-decizjoni tal-21 ta' Marzu, 2002; anzi din il-Qorti izzid tghid li dan ir-rikors ta' appell jirrazenta l-fieragh.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma kemm id-digriet tat-28 ta' Novembru 2001 kif ukoll id-decizjoni tal-21 ta' Marzu, 2002 bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Deputat Registratur
mg

**APPENDICI DOK 'A'**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu, 2002 qeghda tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------